TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 4/17/F

**Christopher Abela**

**vs**

**Dual Zone**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Jannar, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tletin ewro (€30), rappreżentanti ammont ta' flus illi skond is-soċjeta' ntimata l-Vodafone iċċarġjatu sabiex jara x'għandu ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa kien xtara mobile phone mingħand id-ditta ntimata, pero' kellu xi ħsara, u s-soċjeta' ntimata ħadet il-mobile phone għand il-Vodafone u ċċarġjawh tletin ewro (€30) talli ħaduh barra biex jaraw x'għandu u xorta baqa' bil-problema.

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti żgur m'għandux tort f'din il-kwistjoni stante li kien hemm il-ħsara fih u kellu jittranġa mill-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888